MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1268/1979/1

**Dolores sive Maria Dolores Cilia,
u b'digriet tas-27 ta' Novembru 1992
il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Clotilde Camilleri,
Vincenza Brincat, Rose Vella, Philip Cilia, Victor Cilia,
Lino Cilia u Catherine Cilia biex ikomplu l-kawza
minflok
Dolores sive Maria Dolores Cilia li mietet fil-mori tal-istess kawza**

**v.**

**George, L-Avukat Dottor Joseph, Giovanna Mercieca
u**

**Rosa Caruana, ahwa Borg, u l-istess Dr. Joseph G. Borg nominat b'digriet tal-15 ta' April 1980, kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Philip Borg**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attrici li jghid hekk:

"Peress illi fit-18 ta' Ottubru, 1971 miet Giuseppe Borg u bit-testment tieghu tal-21 ta' Lulju, 1971 fl-atti tan-Nutar Nicola Said (Dok. A) halla bhala l-unici eredi universali tieghu il-hames (5) neputijiet tieghu, il-konvenuti; u peress illi permezz ta' l-imsemmi testment l-imsemmi Giuseppe Borg halla b'titolu ta' legat lill-attrici is-somma ta' hames mitt lira (Lm500);

"U peress illi sal-lum il-konvenuti ghadhom ma hallsux l-imsemmi legat ta' Lm500.00,0 lill-attrici;

"Ighidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex tikkundannahom sabiex ihallsu s-somma ta' Lm500.00,0 lill-attrici in sodisfazzjon tal-legat fuq imsemmi;

"Bl-imghaxijiet legali min-notifika ta' dan l-att u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, illi huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet u t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fis-sens li gej:

"1. In linea preliminari, peress li l-konvenut Philip Borg mhux assenti l-kuratur nominat biex jirrapprezentah ma ghandux dik ir-rapprezentanza, u ghalhekk in-notifika tac-citazzjoni lill-kuratur hija nulla u minghajr effett.

"2. L-attrici ma kkonsenjatx l-oggetti li kien hemm fid-dar ta' abitazzjoni tad-*decujus*, komprizi flus, deheb u oggetti prezzjuzi ohra li jispettaw lill-esponenti.

"3. L-esponenti ghalhekk jirrikonvjenu lill-attrici u jitolbu li tigi kkundannata li fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-esponenti dawk l-oggetti fuq

imsemmijin li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza li huma tal-esponenti u li fin-nuqqas thallashom il-valur taghhom li jigi minn din il-Qorti iffissat; bl-ispejjez kontra l-attrici li ghandha tidher ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attrici ghar-rikonvenzjoni tal-konvenuti li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Illi r-rikonvenzjoni tal-konvenuti ghandha tigi respinta stante illi l-allegazzjonijiet hemm indikati ma jirrizultaw minn ebda testment tal-mejtin ahwa Borg.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru, 2005, li in forza taghha ddisponiet mill-kawza fis-sens li gej:
"... ... tiddeciedi dwar it-talba attrici billi tilqa' l-istess limitatament ghas-somma ta' tlett mija sebgha u disghin lira Maltin, tnejn u hamsin centezmu [Lm397.52] rapprezentanti l-legat ta' Lm500 nieqes it-taxxa tas-successjoni relattiva mhallsa mill-konvenut Dottor Joseph Borg, u tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallas lill-attrici dan il-bilanc, flimkien ma' l-imghax relattiv mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi tichadha, bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti.

"In fine tawtorizza lill-atturi jirtiraw mill-pussess tas-sekwestratarju gudizzjarju l-oggetti indikati fl-imsemmija lista."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' hames mitt lira "Lm500" rapprezentanti somma mhollija lilha b'titolu ta' legat b'testment tal-21 ta' Lulju 1971 ta' Giuseppe Borg, ziju tal-konvenuti, li miet fit-18 ta' Ottubru 1971.

"Illi huwa pacifiku li Giuseppi Borg, kien joqghod flimkien ma' uhud minn hutu go dar f'Haz-Zebbug, Saint Anthony

Street u l-attrici kienet tghix maghhom bhala domestika fl-istess dar u dan ghal zmien twil minn meta kellha 15-il sena. Ghalhekk fl-istess dar kienu jghixu wkoll Carmela mizzewga Agius[1], Rosa, Manuel u l-istess Giuseppi, ahwa Borg, u zijiet tal-konvenuti. L-ahhar li miet kien dan Giuseppi Borg li ddispona mill-gid tieghu bit-testment fuq indikat fl-atti tan-Nutar Nicola Said.

"Illi f'dan it-testment it-testatur Giuseppe Borg halla lill-attrici b'titolu ta' legat "[a] is-somma ta' hames mitt lira sterlina[2] [£500] ghal darba wahda; [b] l-oggetti u s-sustanzi kollha mobili li jkunu jappartjenu lilu fil-gurnata tal-mewt tieghu u li jkunu jinsabu jezistu fid-dar tieghu ta' l-abitazzjoni *a limine intus* kompriza l-bjankerija, eccettwati pero` l-flus kontanti, it-titolu li jirrapprezentaw flus u l-oggetti tad-deheb; u [c] id-dritt ta' l-abitazzjoni gratuwita ghal tul il-hajja kollha tal-legatarja ta' dik il-parti mid-dar fejn qieghed jabita t-testatur…."[3]

"Minn dawn il-fatti pruvati, u mhux kontestati, jirrizulta car li l-pretensjoni attrici in kwantu ghal-legat fi flus kontanti tirrizulta gustifikata, u li l-legat ta' Lm500 ghandu jigi versat lilha mill-konvenuti eredi ta' l-imsemmi Giuseppi Borg. Minn dan l-ammont ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm102.48c rapprezentanti t-taxxa tas-successjoni dovuta fuq dan il-legat li kien gie mhallas mill-konvenut Dottor Joseph Borg tammonta[4] .

"Illi l-konvenuti minn taghhom ma kkontestawx il-pretensjoni ta' l-atturi li dan il-legat huwa dovut lilha, izda opponew bil-fatt minnhom allegat li l-attrici ma kienitx ikkonsenjat lilhom l-oggetti appartenenti lilhom. Di fatti huma wara li ppremettew li l-attrici kellha fil-pussess taghha oggetti li kienu fid-dar tal-imsemmi Giuseppe Borg, komprizi flus, deheb u oggetti prezjuzi ohra li kienu jispettaw lilhom talbu li l-istess attrici tigi kkundannata

---

[1] Inizjalment dina meta zzewget kienet toqghod band'ohra, izda biz-zmien marret toqghod ma hutha fl-imsemmi fond [fol.128 u 136]

[2] Jigi osservat li jidher li f dak iz-zmien il-munita legali f'Malta kienet 'sterlina' [£], kif jidher mill-figura £150 indikata fil-paragrafu precedenti mhollija mit-testatur ghall-ispejjez tal-funeral.

[3] Fol.3 *et seq.*

[4] Fol.56

tikkonsenjalhom dawn l-oggetti li "jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza li huma ta' l-esponenti.."[5]

"Illi f'dan ir-rigward japplika l-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Ghalhekk sabiex il-konvenuti jirnexxu fil-kontro talba jehtieg li jipprovaw:

"[1] li fid-dar de quo hemm affarijiet appartenenti lilhom;
"[2] il-konsistenza ta' dawn l-affarijiet; u
"[3] li dawn l-istess affarijiet jinsabu fil-pussess ta' l-attrici jew is-successuri taghha.

"Illi rigward l-oggetti meritu tal-kontro talba x-xhud principali huwa l-konvenut Dottor Joseph Borg, u jirrizulta li l-pretensjoni konvenuta tippresta ruhha ghas-segwenti klassifikazzjoni: [A] oggetti fil-kassaforti; [B] oggetti indikati fil-lista esebita mill-attrici u oggetti ohra tad-deheb; u [C] oggetti fil-vettrina.

"Illi l-attrici rikonvenzjonata opponiet ghal din il-pretensjoni bl-argument li, skond it-termini tat-testment datat 20 ta' Ottubru 1964 ta' Carmela Agius li mietet fil-11 ta' Frar 1967[6] dina hallietilha b'titolu ta' legat "fi piena proprjeta` l-oggetti kollha ta' go l-istess dar cioe` bjankerija, fajjenza u ghamara u oggetti tad-deheb kollox kompriz barra flus u cedoli jew titolu li jirrapprezentaw flus." Inoltre, fl-istess testment din it-testatrici ddikjarat li hija taf li parti minn dawn "l-oggetti mhumiex kollha proprjeta` taghha peress li hutha ghandhom ossia jista' ghandhom xi sehem ossia drittijiet pero` xorta wahda trid thalli dan il-legat …"[7]. Fl-affidavit taghha l-attrici tghid, u ma gietx kontradetta f'dan ir-rigward, li in kwantu jirrigwarda din il-kawza l-effetti tal-mejta ghandhom jigu regolati b'dan it-testment.[8] Dan mhux qed jigi kkontestat mill-konvenuti. Di fatti fix-xhieda tieghu Dottor Joseph Borg jghid espressament li l-kontestazzjoni tal-konvenuti ma tirrigwardax id-deheb ta'

---

[5] Fol.25
[6] Fols. 66 u 67
[7] Fol.69
[8] Mid-dokument MD6 a fol.65 tergo jirrizulta li t-testatrici kienet ghamlet testment iehor fis-27 ta' Jannar 1966 – li pero` ma giex esebit fil-kawza.

Carmela Agius, imma il-kumplament li jsostni li hu ta' hutu.[9]

"Rigward l-ordni tal-mewt taz-zijiet tieghu, Dottor Borg jghid, u f'dan ma giex kontraddett, li meta mietet iz-zija Rosa l-wirt taghha ghaddha ghand iz-ziju Manwel.[10] "Iz-ziju Manwel halla bhala werriet lill-papa' tieghi [David], iz-ziju Guze' li miet wara l-papa' tieghi halla werrieta lilna."[11] Ghalhekk isostni li l-assi ereditarju ta' Rosa jappartjeni lill-konvenuti bhala werrieta ta' missierhom David li min-naha tieghu wiret lil huh Manwel; u huma wkoll werrieta ta' Giuseppe Borg skond it-testment precitat. Dawn iz-zijiet kollha kienu jghixu fid-dar fuq indikata.

"*Oggetti fil-kassaforti*

"Illi fid-depozizzjoni tieghu l-imsemmi Dottor Joseph Borg spjega li meta miet Giuseppe Borg, l-ahhar wiehed miz-zijiet tieghu, huwa u xi hadd minn hutu, marru biex jifthu l-cassaforti u sabuha zgassata u meta talbu spjegazzjoni lill-attrici li kienet toqghod waheda fid-dar dina qalet li ma kienitx taf. Fi kliemu: "dina saret hamra nar, gholliet spallitha u qaltli 'ma nfax'."[12] Ix-xhud jghid ukoll li ma kienx sar rapport da parti tieghu lill-pulizija, u ghalhekk jidher li ma saritx investigazzjoni kriminali.

"Ix-xhud pero` isostni fl-istess depozizzjoni tieghu li kien hemm okkazzjoni, "ftit snin qabel"[13] li z-ziju tieghu Manuel kien urih is-*safe* u kien urih il-flus li kien hemm fiha. Dottor Borg jghid li huwa kien ra "diversi flus tad-deheb, liri tad-deheb u nofs lirijiet, u kieh hemm flus tal-fidda u kien hemm flus cash."[14] Izda "kemm kien hemm kwantita' ma nistax nghid ….. pero` ma ezaminajtx il-kaxxa kollha."[15]

---

[9] Fol.131
[10] Fol.130
[11] Fol.131
[12] Fol.139
[13] Fol.143 u 146
[14] Fol.130
[15] Fol.140

“Jghid ukoll li “ftit granet” qabel miet iz-ziju Manwel, dan kien irtira Lm300 mill-Bank.

“Illi in propozitu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

“[1] Illi huwa minnu il-fatt li fit-testment tieghu, maghmul circa tlett xhur qabel mewtu, Giuseppe Borg semma, u specifikatament eskluda mill-legat, l-oggetti tad-deheb appartenenti lilu, izda din hija biss indikazzjoni ta’ l-ezistenza ta’ oggetti tad-deheb u flus fid-data tal-mewt tieghu tlett xhur wara;  u ma tikwalifikax bhala prova sodisfacenti li f’din id-data dan id-deheb u dawn il-flus kienu verament ghadu jezistu.

“Inoltre, il-fatt li l-oggetti tad-deheb ma gewx specikati fit-testment, jkomplu jdghajjfu it-tesi konvenuta f’dan ir-rigward li ghandha l-oneru tal-prova mhux biss ta’ l-ezistenza tad-deheb u tal-flus, imma tal-konsistenza tal-oggetti;

“[2] Illi ghal dak li jirrigwarda x-xhieda ta’ Dottor Borg li f’okkazzjoni wahda huwa kien ra fil-kassaforti flus kontanti u flus tad-deheb, il-Qorti tosserva li dan kien “ftit snin qabel” ma l-cassaforti nstabet zgassata, u cioe` meta kien ghadu haj iz-ziju Manwel li l-wirt tieghu ghadda ghandu huh David;  u ghalhekk ghandu jirrizulta car li din zgur mhux prova sodisfacenti li fil-gurnata tal-mewt ta’ Giuseppe Borg dawn kienu ghadhom fil-cassaforti.  U dan apparti mill-konsiderazzjoni li, David, missier il-konvenuti u werriet ta’ huh Manwel seta’ jikkonsegwixxi dak li wiret minghand Manwel mal-mewt ta’ dan.

“[3] Illi di piu’ il-Qorti tosserva li kienet tkun flokha investigazzjoni kriminali a tempo vergine li forsi kienet twassal ghall-ezistu favorevoli dwar l-awtur jew l-awtrici tal-isgass, *multo magis* meta, kif sostna l-konvenut Borg, l-attrici li kellha l-pussess esklussiv ta’ dik il-parti tal-fond, ma setghetx toffri spjegazzjoni.  Investigazzjoni mill-pulizija setghet twassal li tinghata spjegazzjoni ferm dettaljata dwar il-kommissjoni ta’ din is-serq u l-konsistenza tar-refurtiva.

"[4] Illi rigward is-somma ta' Lm300 irtirata mill-Bank miz-ziju Manwel "ftit tal-granet" qabel ma miet, il-Qorti tosserva li, in mankanza ta' spjegazzjoni ghal-irtirar ta' din is-somma, ma jistax jigi sodisfacentement u validament konkluz li dik kienet ghadha tezisti fil-gurnata tal-mewt ta' Giuseppi Borg li miet wara missier il-konvenuti werriet ta' l-istess Manwel, u dan in vista tat-trapass taz-zmien u kif wkoll tal-ordni tal-wirt.

"Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li ma giex sodisfacentement provat x' kien hemm fil-cassaforte zgassata fil-gurnata tal-mewt ta' Giuseppe Borg;  kif ukoll ma jistax jinghad li fl-istess gurnata kien ghad hemm is-somma ta' Lm300 li Manwel Borg kien ritira mill-Bank ftit tal-granet qabel ma miet.  Ghaldaqstant il-pretensjonijiet tal-konvenuti f'dan ir-rigward huma nsostenibbli.

"*Oggetti tad-deheb fil-lista, u deheb iehor*

"Illi l-attrici fuq talba tal-konvenut Dottor Joseph Borg prezentat lista[16] tal-oggetti tad-deheb li kienu fil-pussess taghha, u li gew stamati li ghandhom valur komplessiv a' LM466.50[17].  Dan huwa d-deheb li ma kienx fil-cassaforti u li l-imsemmi xhud isostni li kien taz-zija Rosa li l-wirt taghha ghadda ghand Manuel li l-wirt tieghu ghadda ghand David missier il-konvenuti.

"In propozitu l-Qorti tosserva li sabiex tirnexxi din il-pretensjoni tal-konvenuti, jehtieg li jigi provat:

"[1] li dan id-deheb kien verament taz-zija Rosa u mhux per ezempju mislufa lilha anke minn Carmela Agius; u

"[2] li dawn l-oggetti kienu gew akkwistata miz-zija Rosa wara l-mewt ta' Carmela Agius, altriment dan id-deheb ikun kolpit fit-testement ta'din li halliet id-deheb kollu lill-attrici, anke jekk parti minnu ma kienx jappartjeni lilha u dan in forza ta' dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 696.

[16] Fol.58

[17] Stima a fol.220 li saret fuq talba tal-konvneuti.  Dawn l-oggetti jinsabu f'idejn sekwestratarju gudizzjarju Louis Sant' Angelo [ara ricevuta fol.189]

Jigi osservat in tema legali li l-opzjoni kontemplata fl-istess Artikolu tispetta biss lill-eredi tat-testatrici.

“Il-Qorti tosserva li l-konvenuti huma mankanti f’din il-prova. L-oneru tal-prova tal-fatti f’dan ir-rigward tispetta lilhom li qed jallegaw dan il-fatt. Il-konvenuti ma gabux provi sodisfacenti biex juru li d-deheb li huwa indikat fuq il-lista esebita ma kienx jifforma parti mill-assi ereditarju ta’ Carmela Agius, u cioe` dik il-parti li ghaddiet ghand l-attrici bis-sahha tat-testment precitat. L-unika prova tangibbli prodotta mill-konvenuti f’dan ir-rigward huwa ritratt[18] iswed u abjad li juri lill-imsemmija zija Rosa b’katina probabbilment tad-deheb imdendla minn ghonqa. Ghandu jirrizulta car li din il-prova ma tikwalifikax bhala wahda sodisfacenti tal-allegat fatt li dak l-oggett tad-deheb huwa identiku ma wahda mill-ktajjen imsemmija fil-lista. L-opinjoni fuq dan l-oggett tad-deheb, tal-gojjellier, mhux identifikat, li skond ix-xhieda tal-Dottor Joseph Borg ezamina r-ritratt, ghandha fil-fehma ta’ din il-Qorti valur probatorju negligibbli.

“Illi fix-xhieda tieghu l-istess xhud kompla jghid li z-ziju Manwel kellu “deheb ta’ ragel” u li kien uriehulu, fosthom katina polka tad-deheb ohxon u xi crieki. Ix-xhud jghid li “dawk suppost li ghaddew ghand il-papa’ tieghi bhala werriet [ta’ Manwel]. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm ma ghandha ebda dubju dwar il-genwinita` tax-xhieda ta’ l-Avukat Borg u allura l-ezistenza ta’ dawn l-oggetti, ma rrizultax sodisfacentement provat li, sussegwenti ghal mewt ta’ Manwel, sussegwenti ghal mewt ta’ huh David u sussegwenti ghal mewt ta’ huhom Giuseppi Borg dawn l-oggetti kienu fil-fatt ghadhom jezistu fid-dar. Ghal kuntrarju il-provi huma fis-sens li dawn, skond il-ligi, kellhom jghaddu ghand David bhala werriet ta’ Manwel. Din il-konsiderazzjoni, in mankanza ta’ provi ulterjuri, ittendi kontra l-ezistenza ta’ dawn l-oggetti fid-dar in kwistjoni fid-data tal-mewt ta’ Giuseppi. Din il-konsiderazzjoni qed issir, apparti mill-konsiderazzjoni suesposta rigward dak li ddisponiet Carmela Agius fit-

[18] Dok.R3 – fol.257

testment taghha precitat, u li minn dak li jidher mill-provi mietet meta Manwel kien ghadu haj.

“Ghaldaqstant anke din il-parti tal-kontro talba ma ssibx sostenn fil-provi.

“*Oggetti fil-vetrina*

“Illi l-konvenuti jaghmlu referenza ghal oggetti li kien hemm fil-vetrina li jidhru fuq ir-ritratti esebiti.[19] Ix-xhud Dottor Joseph Borg jghid li “kien hemm vetrina kbira antika hafna li kien fiha oggetti ta’ antikita’ fosthom kien hemm silver salvers kbar, kbar hafna. Kien hemm hafna affarijiet ohra tal-fidda, u kien hemm affarijiet ta’ hgieg, kristall, ceramica u tal-kina. Kienet ghadha hemmhekk, u haduha dawn il-werrieta illi assumew l-atti minflok l-attrici. Jiena avzajthom biex dik ma jmissuhiex ghax il-fidda ma kellhomx x’ jaqsmu maghha, pero` haduha xorta wahda”[20] Ix-xhud isostni li s-silver salvers kienu jiswew mijiet kbar ta’ liri.

“In propozitu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

“[1] Illi ma hemmx prova sodisfacenti tal-fatt li s-salvers li jidhru fil-vetrina fir-ritratti esebiti kienu fil-fatt tal-fidda – prova li tispetta lill-konvenuti li qed jallegaw il-fatt. Setghu ghal grazzja tal-argument kienu EPNS u cioe` electro plated nikel silver li huwa materjal, komuni hafna f’dak iz-zmienijiet, u ta’ ferm anqas valur mill-fidda vera u proprja. Bir-rispett kollu lejn il-konvenut Joseph Borg, ghalkemm dan fix-xhieda tieghu qal li dawn kienu tal-fidda, ma tax dettalji ohra in sostenn tat-tesi tieghu. Wara kollox ix-xhud huwa espert fil-ligi, izda ma gabx prova li ghandu xi konoxxenza specjali f’materja ta’ fidda. Ghalhekk fin-nuqqas ta’ dettalji ulterjuri in propozitu, bhal per ezempju x’ jirrizulta mill-boll[21] u li setghu jghatu sostenn lill-konkluzjoni ta’ dan ix-xhud ma jistax jinghad li dan il-fatt allegat jirrizulta provat.

---

[19] Dok.R1 u R2 - Ibid

[20] Fol.133

[21] Bhal per ezempju l-origini tal-fidda: jekk hijex taljana, jew ingliza, jew jekk kienitx fidda mastizza jew folja tal-fidda, u dettalji ohra li jiffortifikaw it-tesi tal-konvenuti

"In propozitu hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm huma minnu li fuq dan il-fatt il-konvenut Borg mhux kontraddett mill-attrici li kienet l-persuna li ghexet ghal zmien twil fid-dar u allura certament kienet taf ezattament x' kien hemm fid-dar u x' kien l-oggetti, id-depozizzjoni relattiva giet mghotija mix-xhud fit-18 ta' Novembru 1994[22] u ghalhekk wara l-mewt ta' l-attrici fil-15 ta' Frar 1992.[23] Inoltre, il-fatt li dawn l-oggetti nstabu nieqsa wara li kien rapport l-isgass mid-dar, ma jiddiminwix l-oneru tal-konvenut li jipprova dak minnu allegat.

"[2] Illi fl-ebda wiehed mit-testmenti esebiti ma hemm referenza specifika ghal oggetti tal-fidda.

"[3] Illi mit-testment ta' Carmela Agius jirrizulta car li din riedet thalli l-oggetti mobli kollha ezistenti fid-dar lill-attrici, u specifikatament semmiet il-kelma "fajjenza." Issa minn ezami tar-ritratti esebiti jirrizulta car li, apparti minn dawn is-salvers, l-oggetti kollha jidhlu fl-ambitu ta' dan it-terminu, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huma inkluzi fil-legat mholli minn din it-testatrici. Il-konvenuti ma gabux prova li dawn l-oggetti gew akkwistati mill-awturi taghhom wara l-mewt ta' Carmela Agius.

"[4] Illi inoltre jigi osservat li fit-testment ta' Giuseppi Borg hemm espressament mnizzel li l-legat ta' l-attrici jikkomprendi "l-oggetti u s-sostanzi kollha mobili" appartenenti lilu fil-gurnata tal-mewt li jkunu jinsabu fid-dar *a limine intus* kompriza l-bjankerija; u gew eskluzi mill-legat: il-flus kontanti, it-titoli rapprezentanti flus u l-oggetti tad-deheb - biss. Il-kumplament gie mholli lill-attrici. Oggetti tal-fidda ma humiex eskluzi.

"Inoltre ghandha relevanza qawwija l-konsiderazzjoni li mill-provi ma tirrizultax il-provenjenza ta' dawn l-oggetti, jirrizulta biss li dawn kienu fid-dar fejn kienu jghixu l-attrici u l-ahwa Borg u li kienu ghadhom hemm meta miet Giuseppe Borg, sakemm eventwalment giet rapportata s-

[22] Fol.128
[23] Fol.113 u 113

serqa jew tentattiv ta' serq li kien sar mill-fond de quo. Ghaldaqstant u wkoll in vista tal-kontenut tat-testmenti precitati ta' Carmela Agius, u ta' Giuseppe Borg, il-konvenuti ma rnexxielhomx jipprovaw sodisfacenetment li dawn l-oggetti jappartjenu lilhom.

"In fine jigi osservat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti n-notifika tal-konvenut Philip Borg tramite il-kuratur tieghu, tirrizulta sorvolata bil-verbal registrat mill-konvenut Dottor Borg fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 1982[24]; u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi riformata:
"... ... billi l-kontro-talba tigi milqughha, id-deheb esibit jigi assenjat lill-esponenti u l-appellati jigu ordnati jhallsu lill-esponenti kumpens f'ammont xieraq li jigi stabbilit ghall-oggetti l-ohra ta' l-esponenti li l-appellati impossessaw ruhhom minnhom, tirriduci t-terminu ghall-hlas tal-interessi kif fuq spjegat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell tal-konvenuti jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom stante li t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux u ma ghandhomx jigu milqugha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2008;

Rat l-attijiet kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Fit-talba taghha l-attrici qed titlob il-hlas ta' Lm500 imhollija lilha bhala legat minn Giuseppe Borg, benestant li miet fit-18 ta' Ottubru, 1971, b'testment pubblikat min-

[24] Fol.29

Nutar Dottor Nicola Said fil-21 ta’ Lulju, 1971; it-talba saret kontra l-konvenuti, eredi tal-mejjet Giuseppe Borg skond l-istess testment. Il-konvenuti ma kkontestawx id-dritt tal-attrici li titlob hlas ta’ dan il-legat, u jargumentaw biss li “min-naha taghha” ghandha tikkonsenjalalhom l-oggetti kollha li kien hemm fid-dar tad-*decujus* u li jispettaw lilhom.

Dan qed jinghad minhabba li l-konvenuti, fir-rikors tal-appell taghhom, issollevaw il-preskrizzjoni ta’ ghaxar (10) snin ghat-talba attrici u dana skond l-Artikolu 726 tal-Kodici Civili. Fil-waqt li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista’ tigi sollevata f’kull stadju tal-process, anke fl-istadju tal-appell, tali eccezzjoni ma tistax tintlaqa’ meta dak li jkun, fil-bidu tal-proceduri, ma jkunx ikkontesta l-pretensjoni tal-kreditur. Komportament simili, fis-sens ta’ rikonoxximent tal-kwalifika ta’ kreditur fl-attur, hija ekwivalenti ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni.

Barra minn dan, ma lahqux skadew l-ghaxar snin minn meta l-attrici setghet titlob hlas tal-legat, jigifieri, mid-data tal-mewt ta’ Giuseppe Borg. Dan, kif inghad, miet f’Ottubru tal-1971, u din il-kawza infethet f’Settembru tal-1979, entro t-terminu ta’ ghaxar snin previst fl-artikolu tal-Kodici Civili indikat.

Il-konvenuti jilmentaw ukoll dwar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-legat jithallas bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, u jghidu li m’ghandhomx jigu penalizzati ghad-dewmien li kien hemm biex il-kawza tinqata’. Il-Qorti tosserva li, fil-waqt li l-legatarju jrid jitlob il-pussess tal-legat minghand l-eredi, dawn tal-ahhar ghandhom dmir jaghtu l-oggett tal-legat lil-legatarju malli jinfetah it-testment tad-*decujus*, u mhux joqghodu jistennew li ssir talba specifika ghal dak l-iskop. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza “**Carabott et. v. Carabott et.**”, deciza fit-18 ta’ Gunju, 1948
“Veru huwa illi l-legatarju ghandu jitlob pussess tal-legat lill-eredi, imma dik id-dispozizzjoni tirriferixxi ghar-rapporti bejn l-eredi u legatarju fis-sens illi, ghal ragunijiet wisq evidenti, anki ta’ ordni pubbliku, ma jistax il-legatarju jimpossessa ruhu mill-oggett legat minghajr il-kunsens ta’

l-eredi; <u>anzi huwa dan li ghandu jaghtih dak l-oggett fil-pussess tieghu</u>."
(sottolinear ta' din il-Qorti).

Ma kien hemm ebda raguni ghala l-konvenuti kellhom jistennew daqshekk biex ihallsu l-legat lil min kien dovut, u kwindi l-kundanna ghall-hlas tal-imghax mid-data tac-citazzjoni hija wahda korretta.

Ghaldaqstant, kull aggravju mressaq mill-konvenuti kontra t-talba attrici, inkluz dak ta' preskrizzjoni, qed jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti, f'dan ir-rigward, konfermata.

Il-vera kontestazzjoni fil-kawza kienet tikkoncerna l-kontro-talba tal-konvenuti li in forza taghha, wara li allegaw li fid-dar tad-*decujus* kien hemm hafna flus, deheb u oggetti prezzjuzi ohra li jappartjenu lilhom, talbu li l-attrici, li lilha thalliet ukoll bhala legat it-tgawdija tal-istess dar, tigi kkundannata tirritorna dawn l-affarijiet. L-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata tal-provi prodotti u sabet li l-konvenuti ma rnexxielhomx juru li fil-pussess tal-attrici jew fid-dar tad-*decujus*, fil-gurnata tal-mewt tieghu, kien hemm xi oggetti li "jispettaw lill-konvenuti". Huwa principju li, bhala regola, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm, minn ezami tal-istess provi li tkun ghamlet din il-Qorti, ma jkunx irrizulta li saret xi ingustizzja jew skorrettezza fl-istess analizi. Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti, hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi (ara per ezempju, "**Spiteri v. Vella noe**", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2003, u "**Dr. Adrian's Garden Centre Co. Ltd. v. AX Construction Ltd.**", deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2008).

Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali kollha kif ukoll is-sentenza appellata, u ma ssib xejn x'ticcensura fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. L-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien

wiehed metikoluz u preciz, li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament.

F'kaz ta' wirt, min jippretendi li fl-assi ghandhom jidhlu xi oggetti partikolari, jrid juri mhux biss li l-oggetti kienu jezistu u kienu jappartjienu lid-*decujus* jew mizmuma minnu fi-dar tar-residenza tieghu, izda wkoll u fuq kollox li dawk l-istess oggetti baqghu hekk jezistu anke fil-gurnata tal-mewt tieghu.  Ghalhek, il-fatt li wiehed mill-eredi jghid li "ftit snin qabel" il-mewt tad-*decujus*, kien ra s-*safe* fid-dar miftuh u fih ra xi flus kontanti u muniti tad-deheb, ma sservix bhala prova la tal-kwantita` u l-valur tal-flus u lanqas tal-ezistenza taghhom fil-mument tal-mewt.  Hekk ukoll dwar l-oggetti tad-deheb, il-konvenuti ma setghux b'mod plawsibbli jindikaw f'hix dawn kienu jikkonsistu, jekk jappartjenux lilhom u baqghux *in situ* fiz-zmien rilevanti.  Il konvenuti ma tawx indikazzjoni cara ta' x'deheb qed jippretendu li jispetta lilhom, u l-fatt li f'ritratt wiehed iswed u abjad (esebit fil-process) tidher antenata b'katina mdendla ma' ghonqa, ma jfissirx la li l-katina hi tad-deheb u lanqas li din il-katina verament kienet tappartjeni lil dik l-antenata (u mhux lilha mislufa ghal xi okkazzjoni kif gieli jigri).  Hemm hafna oggetti ohra li l-konvenuti ma setghux jidentifikaw bi preciz (ez. vetrina "li kien fiha oggetti ta' antikita`") u lanqas ma setghu juru l-provenjenza, cioe`, jekk humiex oggetti li messew lilhom jew lill-attrici.  Mhux bizzejjed li targumenta li apparti oggetti li messew lill-attrici, kien hemm ukoll xi oggetti ohra li messew lill-konvenuti u ma jigix spjegat u ccarat ghalxhiex wiehed qed jirreferi u l-valur taghhom.  Hu veru li hafna drabi tkun difficli li tingieb prova preciza tal-konsistenza tal-assi f'wirt, pero`, il-Qorti ma tistax tiggudika fuq mera possibbilitajiet, izda jrid ikollha certi indizji gravi u precizi biex, tal-anqas tkun tista' tasal ghall-grad ta' konvinciment fuq bazi ta' probabbilita`, haga li, f'dan il-kaz, ma tirrizultax.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess u tikkonfema *in toto* s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------